**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 13 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Numru : 17/2013/JPG**

**Norman Cutajar (ID 600758M) u martu Martha Cutajar (ID 78801L)**

**vs**

**L-Avukat Generali u ghal kull interess li jista' jkollha s-socjeta' Farr Limited (C1402)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Norman Cutajar et tat-18 ta' Frar 2013 li jaqra hekk:

*"Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Cassar tal-22 ta' Frar 1989 l-esponenti akkwistaw plot fejn eventwalment bnew id-dar ta' residenza taghhom li jisimha 'Willanow' 94 Triq is-Swieqi, Swieqi u dan versu cens temporanju ta'hamsa u ghoxrin sena b'effett mill-istess att.*

*Illi l-hamsa u ghoxrin sena jiskadu fil-21ta' Frar 2074.*

*Illi b'dan il-kuntratt huma gew obbligati li jifdu c-cens mhux aktar tard mill-imsemmi perjodu biex b'hekk jakkwistaw il-proprjeta' shiha, libera u franka. L-esponenti di fatti fdew ,jan ic-cens permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Keith German tal-4 ta' Ottubru 2007.*

*Pero' l-Kurja li ttrasferit din il-proprjeta' lill-esponenti, bieghet parti mill-istess proprjeta' lis-socjeta' Farr Limited b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Felice tat-28 ta' Mejju 1993 (cioe wara l-kuntratt imsemmi tat-22 ta' Frar 1989).*

*Illi l-overlapping tal-proprjeta' hija ta' cirka* $10m^2$ *u qamet vertenza fuqha. Din il-vertenza tifforma l-mertu tal-kawza fl-ismijiet "Norman Cutajar et vs Farr Ltd" (Cit 448/2005) li giet deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 2012 b'ezitu favur l-esponenti.*

*Illi s-socjeta' Farr Limited appellat minn din is-sentenza, l-esponenti gew notifikati u wiegbu debitament.*

*<u>Illi fil-21 ta' Awwissu 2012 l-esponenti intavolaw rikors fein talbu lill-Qorti tappunta l-appell "minghajr dewmien bl-intiza li ikun hemm determinazzjoni ahharija qabel il-21 ta ' Frar 2014</u>".*

*<u>Illi dan ir-rikors ghadu pendenti u ghadu ma giex degretat u l-appell ghadu ma giex appuntat ghas-smiegh.</u>*

*Illi jekk l-esponenti jinghataw ragun fil-kawza imsemmija, l-kwistjoni tieqaf hemm. Jekk le, dan ifisser li qabel l-21 ta' Frar 2014 jridu jifdu c-cens relatat mal-imsemmija art li hija overlapping fil-kejl superficjali ta'* $10m^2$.

*Illi ghalhekk l-esponenti ghandhom interess li l-vertenza imsemmija tigi deciza qabel l-14 ta' Frar 2014 u minhabba dan id-dewmien gew u aktarx ser jigu iktar mittiefsa d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanciti fl-Artikolu 1 Protokol 1 u/jew fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u inoltre stante li l-propjeta' in kwistjoni hija d-dar ta' residenza taghhom taffettwa d-drittijiet taghhom kif protetti taht l-Artikolu 8*

*tal-istess Konvenzjoni (Kap 319) u kif ukoll l-Artikoli 37, 39 u 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Ghaldaqstant jghidu l-intimati, jew min minnhom, il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet migjuba f'dan ir-rikors u li jistghu jingiebu fit-trattazzjoni tal-kawza, u prevja li taghmel kull dikjarazzjoni u taghti kull provvediment opportun, m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom qed jew ser jivvjolaw id-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanciti fl-Artikoli tal-ligi fuq imsemmija; u*

2. *Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni sabiex il-lezjoni ma tkomplix ssehh u senjatament pero m'hux limitatatament ghal ordni li l-Appell fuq imsemmi jigi appuntat, trattat u deciz fi zmien ragonevoli pero qabel it-23 ta' Frar 2014; u inoltre*

3. *Tikkundanna lill-intimati jew minn minnhom jhallsu kumpens gust wkoll in sodisfazzjon ghall-lezjonijiet imsemmija u dan taht dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat li l-atti tar-rikors promotorju, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-4 ta' Marzu 2013 (a fol. 23 et seq.) li taqra hekk:

**1.** *"Illi in linea preliminari, hija l-umli fehma ta' l-esponent li din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 in kwantu mir-rikors promutur ma jirrizultax li r-rikorrenti*

*ezawrixxew li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat u f'kull kaz huwa fil-kompetenza tal-Qorti tal-Appell li tiddeciedi r-rikors pprezentat quddiemha fil-21 ta' Awissu 2012:*

**2.** *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegat ksur ta' drittijiet fondamentali kif sanciti mill-artikoli 37,39 u 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokol u/jew l-artikolu 6 u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

**3.** *Illi in kwantu mir-rikors promutur ma jirrizultax ezattament kif ir-rikkorrenti qeghdin allegatament jigu mcahhda mid-drittijet fundamentali taghhom, l-esponent jirrizerva li jressaq risposta u sottomissjonijiet ulterjuri la darba r-rikorrenti jiccaraw l-allegozzjonijiet minnhom imressqa, specjalment izda mhux biss, la darba jigu ezebiti l-atti kollha li ghalihom saret referenza fir-rikors promutur;*

**4.** *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jeccepixxu illi l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smiegh xieraq, is-smiegh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstema' minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi. L-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta'Malta) imur oltre meta jipprovdi li s-smiegh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b' ligi;*

**5.** *Illi skont il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropea, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura;*

**6.** *Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gustizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta;*

**7.** *Illi sabiex dina l-Onorobbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti irid jigi ppruvat mhux biss l-allegat dewmien izda ukoll li l-allegat dewmien huwa wiehed kapriccuz u li jizvantagga lir-rikorrenti fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skont il-ligi. Madonkollu, dan ma jirrizultax. Dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rikors promutur ir-rikorrenti ppremettew illi f'kaz li l-appell jigi deciz kontra taghhom 'ifisser li qabel l-21 ta' Frar 2014* <u>*iridu jifdu*</u> *c-cens relatat mal-imsemmija art li hija overlapping tal-kejl superficjali ta' 10m$^2$'mentri ftit paragrafi 'l fuq ippremettew li ir-rikorrenti diga fdew ic-cens permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Keith German tal-4 ta' Ottubru 2007;*

**8.** *Illi fil-kaz odjern huwa manifest li r-rikorrenti qeghdin jinghataw smiegh xieraq u pubbliku minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b' ligi u fi zmien ragjonevoli u ghalhekk, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull allegazzjoni minnhom mressqa li qeghdin jigu lezi d-drittijiet taghhom sanciti permezz ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni hija manifestament infondata;*

**9.** *Illi dejjem minghajr pregudizzju u bir-rispett dovut, dwar l-allegat vjolazzjoni tad-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta, ic-cirkostanzi tal-kaz in dizamina bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jammontaw ghal xi tehid forzuz ta' proprjeta' jew privazzjoni ta l-pussedimenti tar-rikorrenti;*

**10.** *Illi inoltre u minghajr pregudizzju ma jissussisti ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea kif qed jallegaw ir-rikorrenti;*

**11.** *Illi dejjem minghajr pregudizzju u biss ghall-grazzja tal-argument, dato ma non concesso li hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, ma hemm l-ebda lok ghal kumpens;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponet, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bhala frivoli u vessatorji u infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.”*

Rat ir-risposta ta' Farr Limited (C1402) tat-12 ta' Marzu 2013 (a fol. 26 et seq.) li taqra hekk:

1. *"Illi is-socjeta intimat ma ghamlet xejn iehor hlief asseriet u pprotegiet id-drittijiet ta' proprjeta li hija ghandha skond il-ligi;*

2. *Illi dwar l-art dwar liema hemm il-vertenza hija il-pretensjoni tas-socjeta intimata li dik il-proprjeta tispetta lillha; huwa minnhu li kien hemm sentenza li minnha hemm appell li wasslet ghall certi konklusjonijiet dwar it-titolu ghall-din l-art imma anke fit-termini ta' dik id-decizjoni id-dirett dominju fuq din l-art hija tas-socjeta intimata u s-socjeta intimat ma ghandha l-ebda obbligu fil-ligi li d-dominju li hija ghandha fuq l-art in kwistjoni jigi trasferit lill-terzi u dak li jallega r-rikorrent dwar fidi jew kontinwata detenzjoni minnhu ta' din l-art wara gheluq ic-cens mhux korrett legalment indipendentement mill-kwistjoni ta' jekk huwa kienx akkwista din l-istrixxa art fl-ewwel lok;*

3. *Illi ghallhekk is-socjeta intimat b' l-ebda mod ma tista tirrispondi ghall-lanjanzi tar-rikorrent ghall-liema hija kompletament estranea u ghallhekk ghandha s-socjeta intimat tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;*

4. *Illi inoltre is-socjeta intimat b' l-ebda mod ma vjolat xi dritt fondamentali tar-rikorrent imma biss usufruwiet mid-drittijiet lillha spettanti bil-qies u skond il-ligi u ghallhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda fi kwalsijasi kaz."*

Rat l-atti processwali tar-Rikors Numru:448/2006/RCP allegati ma din il-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet ta' Norman Cutajar tal-21 ta' Mejju 2015 (a fol. 90 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali (a fol. 107 et seq.);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tibda biex tindirizza t-talba ghal liberazzjoni mill-gudizzju tas-socjeta ntimata. Is-socjeta ntimata eccepiet illi ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi hija kompletament estraneja ghall-lanjanza tar-rikorrenti f'din il-kawza. Minn naha taghhom, ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda sottomissjonijiet rigward din l-eccezzjoni tas-socjeta intimata.

Jidher illi l-ilment tar-rikorrenti huwa bbazat fuq l-allegat dewmien eccessiv tal-Qrati sabiex tigi deciza l-vertenza taghhom. Minn imkien ma jirrizulta allegazzjoni illi dan id-dewmien kien kagun tal-agir tas-socjeta ntimata. Anke li kieku saret din l-allegazzjoni pero, s-socjeta ntimata xorta wahda ghandha ragun meta teccepixxi illi hija estraneja ghal dan l-ilment ta' indoli kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrent. Dan ghaliex l-organizzazzjoni tas-sistema legali u gudizzjarja huwa kompitu tal-Istat, u huwa l-Istat li ghandu l-obbligu versu r-rikorrenti li jpoggi fis-sehh sistema gudizzjarja li tiggarantixxi u tipprotegi id-dritt taghhom ghal smiegh xieraq fiz-zmien ragonevoli.

Ghalhekk fil-kaz ta' proceduri gudizzjarji lezivi tad-drittijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali, huwa l-Istat u mhux ic-cittadin li ghandu jirrispondi, galadarba huwa principalment l-obbligu tal-Istat, u mhux tac-cittadin privat, li jassigura li d-drittijiet ta' parti f'kawza ma jinkissrux.[1] Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tielet eccezzjoni tas-socjeta ntimata Farr Limited ghandha tigi milqugha u l-istess socjeta' qed tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi m'hijiex il-legittimu kontradittur.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali. L-Avukat Generali eccepixxi illi din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha taht

[1] **Sean Bradshaw et vs L-Avukat Generali et, Qorti Kostituzzjonali** deciza fis-6 ta' Frar 2015; **Louis Apap Bologna vs Calcidon Ciantar et**, Qorti Kostituzzjonali deciza fil-24 ta' Frar 2012; **Philip Grech et noe vs Direttur Akkomodazzjoni Socjali**, Qorti Kostituzzjonali deciza fis-7 ta' Dicembru 2010.

il-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjonali ta' Malta ghaliex ir-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedju ordinarji a disposizzjoni taghhom, u ghaliex huwa fil-kompetenza tal-Qorti tal-Appell li taghti provvediment fuq ir-rikors ipprezentat quddiem l-istess Qorti fil-21 ta' Awwissu 2012. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu imbaghad jargumenta wkoll illi l-mertu ta' din il-kawza gie ezawrit peress illi l-Qorti tal-Appell fl-Appell numru 448/2006 iddisponiet mir-rikors tar-rikorrenti u ddeciedet l-Appell fil-25 ta' Ottubru 2013 u cioe qabel il-21 ta' Frar 2014.

Skont il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u l-Qorti Kostituzzjonali, s-setgha tal-Qorti li tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha fuq il-pretest li seta` kien hemm rimedji ordinarji

> ***"…ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b` mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm kaz serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali [jew taht il-Kap.319] meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-kaz."***[2]

Effetivament, l-unika rimedju li kien hemm a disposizzjoni tar-rikorrenti kien li jintavolaw rikors sabiex l-appell taghhom gie appuntat u trattat b'urgenza. Dan fil-fatt sar, meta r-rikorrenti prezentaw rikors quddiem il-Qorti tal-Appell ghal dan l-iskop fil-21 ta' Awwissu 2012. Meta r-rikorrenti prezentaw ir-rikors promotur taghhom quddiem din il-Qorti fit-18 ta' Frar 2013, u cioe sitt xhur wara li prezentaw ir-rikors taghhom quddiem il-Qorti tal-Appell, dan ir-rikors kien ghadu ma giex degretat u l-appell kien ghadu ma giex appuntat ghas-smiegh. Qajla ghalhekk tista' l-Qorti taghti tort lir-rikorrenti talli rrikorrew ghar-rimedju kostituzzjonali f'dawn ic-cirkostanzi, meta r-rikors sabiex l-appell jigi appuntat u deciz b'urgenza kien ghadu mhux degretat sitt xhur wara li gie prezentat. Dana kollu jrid jigi apprezzat f'kuntest ta' sistema gudizzjarja fejn appelli civili superjuri idumu medja ta' tlieta u erba' snin sakemm jigu appuntati, minhabba il-*backlog* formidabbli ta' kawzi, b'Qorti t'Appell kompost minn zewg gruppi ta' Mhallfin jahdmu bla waqfien.

[2]**David Axiaq vs Awtorita tat-Trasport Pubbliku,** Qorti Kostituzzjonali deciza fil-14 ta' Mejju 2004.

Inoltre, l-Qorti ma taqbilx mal-argument li tressaq fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali illi l-mertu ta' din il-kawza gie ezawrit stante illi l-appell bin-numru 448/2006 gie deciz fil-25 ta' Ottubru 2013. Il-fatt illi l-appell gie deciz, u li din il-Qorti ma tistax taghti provvediment rigward l-appuntament ta' dan l-appell, kif indikat fit-tieni talba, ma jfissirx illi l-mertu huwa ezawrit, ghaliex ghad irid jigi ezaminat jekk ir-rikorrenti soffrewx lezjoni tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq minhabba xi dewmien irragonevoli fil-kawza bin-numru 448/2006. Il-fatt illi llum il-gurnata l-appell gie appuntat u deciz ma jfissirx li m'ghadx hemm skop sabiex din il-Qorti tezamina jekk il-proceduri mertu ta' din il-kawza, li b'kollox damu seba' snin, kienux lezivi tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Fil-fatt, fir-rikors promotur taghhom, ir-rikorrenti jallegaw illi d-drittijiet fundamentali taghhom kienu **diga gew lezi** minhabba d-dewmien tal-proceduri gudizzjarji u li d-dewmien fl-appuntament tal-appell kien ser ikompli jilledi d-drittijiet taghhom.

Ma jistghax ma jinghadx pero li l-ezami li din il-Qorti trid taghmel ghandu jkun necessarjament ristrett ghal-proceduri tal-Prim Istanza u tal-Appell cioe' tar-rikors numru 448/2006, peress illi r-rikors promotur jaghmel referenza biss ghal dawn il-proceduri. Ir-rikorrenti, ghalkemm gabu a konjizzjoni tal-Qorti provi rigward il-proceduri bin-numru 1050/13, (li ressqu sussegwentement) qatt ma ttentaw jitolbu korrezzjoni sabiex jinkludu l-ilment taghhom fir-rigward dawk il-proceduri fir-rikors promotur, biex b'hekk ukoll jaghtu lill-intimati l-opportunita li jressqu r-risposta taghhom. Ghalhekk il-Qorti, ghal fini ta' din il-kawza ma tistax tiehu konjizzjoni ta' kwalunwke dewmien li setgha' sehh fil-proceduri numru 1050/13, peress illi altrimenti tkun qed tmur extra petita.

Ghaldaqstant, l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali qed tigi michuda, u l-Qorti ser tipprosegwi sabiex tezamina r-rikors fil-mertu.

**Ikkonsidrat:**

**L-allegata ksur tal-Artikolu 6**

Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, li tirrifletti dik tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex jigi stabbilit il-qies tad-dewmien fil-proceduri, il-Qorti trid tikkonsidera tliet tlett fatturi ewlenin, u cioe:-

1. Il-komplessita tal-kaz;
2. L-imgieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment; u
3. Is-sehem tal-awtorijiet koncernati fid-dewmien.[3]

Dan ghaliex **"il-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz [ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju]."[4]**

Ghalkemm ma tezisti l-ebda lista komprensiva li tista' twassal lil Qorti sabiex tiddetermina illi rikorrent ikun sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba dewmien irragonevoli, jinsab assodat u individwalizzat kemm fil-gurisprudenza taghna, kif ukoll dik Ewropeja, **fatturi krucjali** illi ghandhom jigu kkonsidrati mill-Qorti fl-ezami ta din il-materja: cioe' il-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz; kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri lamentati; kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess process; u x'kellu x'jitlef bhala konsegwenza tal-istess proceduri; kemm effettivament dam biex il-kaz jigi deciz b'mod finali [5].

Fir-rigward tat-tifsira tal-kuncett "zmien ragonevoli", il-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-kawza waslet ghal gudizzju kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu.[6]

Il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza li dwarha qed jilmentaw ir-rikorrenti u sejra sabiex l-ewwel nett taghmel riassunt qasir tal-proceduri tal-kawza bin-numru 448/2006:-

---

[3]Vide inter alia **Sydney Ellul Sullivan vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et, Qorti Kostituzzjonali** deciza fit-28 ta' Jannar 2013.
[4]**Anthony Camilleri et vs L-Avukat Generali et**, Qorti Kostituzzjonali deciza fit-28 ta' Settembru 2012.
[5]**Zakkarija Calleja vs L-Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali deciza fil-15 ta' Dicembru 2015.
[6]**Emanuela Brincat vs L-Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali deciza fil-21 ta' Frar 1996, citata b'approvazzjoni anke fil-kuntest ta' proceduri civili fis-sentenza **Zakkarija Calleja vs L-Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali** deciza fil-15 ta' Dicembru 2015.

- Ir-rikors promotur tar-rikorrenti gie prezentat f'Mejju 2006. L-avviz tas-smiegh hareg f'Awissu 2006 u l-kawza gie appuntata ghall-ewwel dehra f'Jannar tas-sena 2007.
- Ir-rikorrent Norman Cutajar dam sat-30 April 2007 biex prezenta l-affidavit tieghu, u dan wara li gie koncess zewg estensjonijiet mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.
- Il-Qorti nnominat perit legali fl-10 ta' Mejju 2007 u l-ewwel seduta mal-Perit Legali inzammet fit-30 ta' Mejju 2007.
- B'kollox inzammu erbgha u ghoxrin (24) seduta mill-Perit Legali bejn it-30 ta' Mejju 2007 u d-19 ta' Ottubru 2009.
- Waqt dawn is-seduti xehdu b'kollox sitt xhieda u sar il-kontro-ezami ta' sitt xhieda. Il-kontro-ezami ta' tlieta minn dawn is-sitt xhieda kellhu jsir f'aktar minn seduta wahda. Kien hemm disa' seduti fejn ma sar xejn, u fi tlieta minn dawn it-tort kien imputtabli lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti ghalqu l-provi taghhom fis-16 ta' Jannar 2007.
- In-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet gew prezentati rispettivament f'Dicembru 2009 u Frar 2010.
- Ir-rapport ta' perit legali gie prezentat f'April tal-2011.
- Il-kawza giet deciza f'Gunju 2012.
- L-appell gie deciz fil-25 ta' Ottubru 2013.

Minn dan l-ezami jidher illi d-dewmien fil-proceduri ma jistax jigi principalment attribwit lir-rikorrenti, illi ma urewx xi passivita jew inattivita waqt il-proceduri. **Huwa minnu illi kien hemm tliet seduti fejn ma sar xejn unikament tort tar-rikorrenti,** u huwa minnu wkoll li kien xi **ftit tardivi fil-produzzjoni tal-affidavits**. Pero, kkunsidrat illi s-seduti mal-perit legali bdew **fl-ahhar ta' Mejju tal-2007**, u r-rikorrenti ghalqu l-provi taghhom **f'Jannar tal-2008**, u cioe f'mhux aktar minn tmien xhur **(inkluz ix-xhur tal-ferjat)** ma jistax jinghad illi d-dewmien fil-proceduri huwa imputabbli lir-rikorrenti b'mod li jista' jigi ggustifikat id-dewmien ilmentat.

L-anqas ma jidher il-kaz illi d-dewmien huwa kagun tan-natura komplessa tal-kaz, peress illi ma jidhirx li l-vertenza tal-partijiet kienet komplessa aktar mill-medja. Il-provi wkoll ma kienux partikolarment voluminuzi; tressqu sitt xhieda, u gew

prezentati numru mhux eccezzjonali ta' dokumenti. Il-numru ta' partijiet fil-kawza wkoll kien entro n-norma; iz-zewg rikorrenti konjugi u s-socjeta ntimata.

Huwa dmir tal-Istat li jassigura illi l-process gudizzjarju jimxi minghajr dewmien inutli. Il-Qrati Kostituzzjonali diga kellha c-cans tosserva illi s-sitwazzjoni ta' qrati mghobbijin b'volum kbir ta' kawzi hafna drabi jservi bhala ostakolu ghal prosegwiment spedjenti tal-kawzi.[7] Il-Qorti tikkondividi mal-fehma espressa bosta drabi minn din il-Qorti diversament presjeduta u l-Qorti Kostituzzjonali illi jezisti nuqqas inerenti fis-sistema ghaliex l-awtorita pubblika qed tonqos mid-dmir taghha "...li tagħmel disponibbli riżorsi biżżejjed biex il-qorti tkun tista' twettaq id-dmir tagħha."[8]

Il-Qorti Kostituzzjonali ukoll diga kellha c-cans tirrileva illi n-nomina ta' perit legali generalment tfisser fil-prattika illi "...perjodikament "jinzammu seduti" li matulhom jixhed xi xhud jew tnejn..."[9]

Illi dan hu dak li filfatt gara f'dan il-kaz. Kull seduta ma kienx jixhed aktar minn xhud wiehed, b'eccezzjoni ta' seduta minnhom fejn wiehed mix-xhieda mharrka ma xehedx fit-tul u ghalhekk kien hemm cans illi jinstemu' zewg xhieda. Barra minn din is-seduta, qatt ma kien hemm cans li jixhed aktar minn xhud wiehed. Aghar minn hekk, kien hemm kontro-ezamijiet fejn kien hemm bzonn aktar minn seduta wahda sabiex isir il-kontro-ezami tax-xhud, peress li f'seduta wahda ma kienx hemm bizzejjed hin. Dan id-dewmien zgur mhux attribwibli lill-partijiet, u lanqas lill-Perit Legali jew lill-Qorti.

Dan id-dewmien ma jistghax ma jigix attribwibbli lill-Istat, li minkejja l-isforzi tieghu (mid-diversi gvernijiet tal-pajjiz) biex jtejjeb u javvanza s-sistema sabiex jassigura sistema gudizzjarja efficjenti, ma sabx fondi necessarji biex jeffetwa dan. Il-Qorti tifhem illi Malta mhuwiex pajjiz rikk f'rizorsi minerali u huwa pajjiz li ghadu qed jizviluppa. Isegwi ghalhekk, li ma kienx facli ghall-Istat li jikseb fondi ghall-investiment fis-sistema gudizzjarja kif jmiss, u kien biss recentement li ttiehdu passi radikali fl-awment sostanzjali tan-numru ta' Mhallfin u Magistrati u bl-introduzzjoni tal-guristi biex jghinu lill-Imhallfin.

[7]**Joseph Gatt et vs L-Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali deciza fit-28 ta' Frar 2014.
[8]**Iris Cassar et vs L-Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali deciza fis-27 ta' Marzu 2015.
[9]**Iris Cassar et vs L-Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali deciza fis-27 ta' Marzu 2015.

Il-Qorti tapprezza ukoll li l-Istat Malti wera ghaqal konsiderevoli meta ma waqghax fit-trappola li waqghu uhud mill-pajjizi Ewropei meta sabu l-fond neccesarji bl-awment ezagerat ta' spejjez legali b'rizultat li gie prattikament michud lic-cittadini taghhom, l-access reali ghal-Qrati.

Ezami tax-xhieda prodotta fil-kaz in ezami juri li l-partijiet ressqu biss sitt xhieda. Zgur li ma kienx hemm bzonn aktar minn tnax -il seduta sabiex jiddeponu u jigu kontro-ezaminati dawn ix-xhieda. Pero fir-realta' fic-cirkostanzi li fihom jahdmu l-avukati difensuri u l-periti legali, huwa kwazi mpossibbli li l-provi jigu prodotti hlief b'mod spezzettat. Dan jwassal ukoll ghal dewmien irragonevoli. Dan apparti l-fatt li wara l-eghluq tal-provi, ghaddiet sena sabiex tigi prezentata r-relazzjoni tal-perit legali, u sena ohra sakemm gie deciz il-kaz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Ma jistax jigi njorat wkoll il-fatt illi l-Qorti tal-Appell damet disa' xhur shah sabiex iddekretat ir-rikors intavolat mir-rikorrenti fejn intalab illi l-appell jigi appuntat u trattat b'urgenza minhabba li t-titolu ta' enfitewsi taghhom kien ser jiskadi fis-sena 2014.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi illi d-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli tar-rikorrenti gie lez minhabba illi l-awtorita pubblika naqqset mid-dmir taghha li taghmel disponibbli rizorsi bizzejjed biex il-Qorti tkun tista' twettaq id-dmir taghha, nuqqas li wassal ghal dewmien irragonevoli fil-proceduri civili intavolati mir-rikorrenti.

Ghal dak li jirrigwarda kumpens, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi:

> ***"[m]adankollu din il-qorti hi tal-fehma li f'każijiet bħal dawn fejn jirrigwarda dewmien, il-Qorti Kostituzzjonali ġeneralment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma tagħti kumpens bħala danni morali biex jagħmel tajjeb għal leżjoni kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni ċivili."***[10]

Il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani tat indikazzjonijiet specifici f'dak li ghandu x'jaqsam likwidazzjoni ekwa tad-danni sofferti kagun dewmien ezagerat fi proceduri gudizzjarji. Gie ritenut filfatt illi somma ta' bejn elf Ewro u elf u hames mitt

[10] **Said vs L-Avukat Generali,** Qorti Kostituzzjonali deciza fil-11 ta' Novembru 2011.

Ewro ghal kull sena li damu ghaddejin il-proceduri, minn meta gew intavolati sal-gurnata li gew rizolti b'sentenza finali bhala l-figura basi ghal kalkolu relevanti.[11]

Il-figura bazika mbaghad tigi ridotta skont in-numru ta' Qrati li trattaw il-kawza, l-kondotta tar-rikorrenti – in partikolari in-numru ta' xhur jew snin ta' differimenti li ghalihom ir-rikorrenti huma responsabbli – u wkoll skont il-livell ta' ghejxien tal-pajjiz koncernat.

Applikati dawn il-principji, is-somma bazika li ghaliha huma ntitolati r-rikorrenti bhala kumpens ghal-lezjoni sofferta minnhom hija ta' sebat 'elef Ewro. Dan l-ammont irid pero jitnaqqas sabiex jirrifletti:-

1. Il-fatt illi l-kawza giet trattata minn zewgt Qrati
2. Il-fatt li kien hemm tliet seduti fejn ma sar xejn kagun tar-rikorrenti u dewmien fil-prezentata tal-affidavit tieghu
3. Il-livell ta' ghejxien tal-pajjiz.

Ghalhekk il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-kumpens dovut lir-rikorrenti huwa ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500).

**Ikkonsidrat:**

**L-allegazzjoni ta' lezjoni ta' dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta.**

Illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jrid li l-ebda proprjeta’ ta’ kull xorta ma għandu jittieħed pussess tagħha b’mod obbligatorju, u lanqas jista’ jigi miksub b’mod obbligatorju xi interess fi jew dritt fuq proprjeta’. Teħid obbligatorju ta’ proprjeta’ jew ta’ interessi fiha jista’ jsir biss fejn hemm dispożizzjoni ta’ ligi applikabbli li tagħti kumpens xieraq għal tali teħid, li tagħti jedd ta’ access lil tribunal indipendenti u imparzjali li jiddetermina l-jedd fuq il-proprjeta’ hekk meħuda u l-kumpens xieraq, u li tiżgura jedd ta’ appell lill-Qorti tal-Appell. L-Artikolu 37 ma japplikax f’għadd ta’ cirkostanzi oħra msemmija fis-subartikolu (2) tiegħu, fosthom meta t-teħid obbligatorju jkun sar fl-eżekuzzjoni ta’ sentenzi jew ordnijiet ta’ qrati, ai termini tal-Artikolu 37 (2) (b).

[11]**Pizzatti v. Italy**, ECHR App. No. 62361/00 deciza fil-10 ta' Novembru 2004.

Illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal- ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat.[12]

Illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni ma jinkludix dritt ghal akkwist ta' proprjeta.[13] Il-Qorti tqis li effitivament, bil-proceduri civili istitwiti minnhom, ir-rikorrenti kienu qed jitutelaw id-dritt kuntrattwali li kien gie moghti lilhom mill-Kurja sabiex jakkwistaw id-dirett dominju tal-art li kienu qed jipposjedu taht dritt ta' enfitewsi. Ir-rikorrent jistghu biss jivvantaw pretensjoni ghad-danni ghalhekk semmai kontra l-Kuria, ghal ksur ta' dak patwit fil-kuntratt iffirmat bejniethom. **L-istat huwa estraneju ghal dan il-kuntratt**, u ghal dak li gara sussegwentement bejn il-partijiet kollha koncernati, li lkoll huma entitajiet privati.

Inoltre, l-ispeditezza tal-proceduri gudizzjarji inizjati mir-rikorrenti ma setghux jiggarantixxu, bla ebda dubbju, it-tgawdija tar-rikorrenti tal-bicca art kontestata, peress li din it-tgawdija o meno neccessarjament tiddependi fuq il-mod kif il-Qorti relevanti tiddisponi mill-mertu, independentement minn kemm idumu il-proceduri. Inoltre, ma kien hemm xejn x'iwaqqaf lir-rikorrenti milli jintavolaw ukoll proceduri kontra l-Curia jekk huma hassewhom aggravati bil-mod kif dan aggixxiet, sabiex jirrelamaw kontriha l-pretensjoni taghhom ghad-danni pekunarji sofferti minnhom.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta tar-rikorrenti ma giex lez.

---

[12] **Mario Falzon vs Direttur Generali Dwana et**, Prim'Awla tal-Qorti Kostituzzjonali, Rikors ghal Referenza Kostituzzjonali numru 37/2013 (23 ta' Ottubru 2014).

[13] Vide inter alia, Decision as to the Admissibility of Application no. 75907/01 by **Lyudmila Grishchenko v. Russia**, ECHR First Section (8 ta' Lulju 2004); L'association et le Ligue v. Romania, ECHR ; **Rudzinska v. Poland**, ECHR App. No. 45223/99 ().

## Ikkonsidrat:

## L-allegat ksur tal-Artikolu 8

Illi ghalkemm allegaw ksur tad-drittijiet taghhom kif sanciti taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, r-rikorrenti ma ghamlu l-ebda sottomissjoni f'dan ir-rigward. Pero, gialadarba l-ilment ma giex irtirat, il-Qori ghandha titratta dan l-ilment ukoll.

Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani, l-oneru tal-prova t'interferenza fid-drittijiet sanciti taht l-Artikolu 8, jinkombi fuq ir-rikorrent. F'dan il-kaz, ir-rikorrent ma ressqu l-ebda prova rigward tali fatt, ghajr id-dewmien tal-proceduri civili intavolati minnhom.

Il-Qorti tqis pero illi l-fatt li l-proceduri damu b'mod irragonevoli ma jfissirx necessarjament u awtomatikament illi r-rikorrent sofrew ukoll ksur tad-drittijiet taghhom kif sanciti taht l-Artikolu 8. Il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani kellha diga l-opportunita illi tevalwa r-relazzjoni bejn id-drittijiet garantiti taht l-Artikolu 8 u dewmien f'proceduri gudizzjarji, u minn studju ta' din il-gurisprudenza jidher illi jkun hemm ksur tal-Artikolu 8 jekk id-dewmien procedurali jista' jkollu mpatt fuq id-decizjoni fuq il-mertu tal-Qorti.[14]

Fil-kaz de quo, ma jidhirx illi t-tul tal-proceduri gudizzjarji seta' kellu mpatt fuq id-decizjoni tal-Qorti. Id-decizjoni fil-mertu tal-Qorti tal-Appell kienet ibbazata fuq analizi tal-fatti u interpretazzjoni tal-ligi, u mhux fuq it-tul taz-zmien li hadu l-proceduri, li kien kompletament irrelevanti ghal-fini tat-talbiet li kellha quddiemha.

Ghalhekk, Il-Qorti tikkonkludi illi r-rikorrenti ma sofrew l-ebda lezjoni tad-drittijiet taghhom sanciti taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi :

1. Tilqa t-tielet eccezzjoni tas-socjeta Farr Limited, tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, u tastieni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess socjeta';

[14] Vide inter alia, **W. v. The United Kingdom**, ECHR deciza fit-8 ta' Lulju 1987 par. 65; **H. v. The United Kingdom**, ECHR deciza fit-8 ta' Lulju 1987 par. 85.

2. Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali;

3. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li sofrew lezjoni tad-dritt taghhom ghas-smiegh xieraq fiz-zmien ragonevoli;

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, peress illi llum hija ezawrita; u

5. Tilqa t-tielet talba tar-rikorrent, u tordna lill-Avukat Generali ihallas is-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro lir-rikorrenti, bl-imghax legali li jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-Avukat Generali, b'dan illi l-ispejjez tas-socjeta Farr Limited ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**